MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1890/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1890/05**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Julian Aquilina ID 665736(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru 2005, fejn is-socjeta` attrici ippremettiet illi l-konvenut ghandu jhallasha s-somma ta' mitejn tnejn u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm252.20), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21370604 skond kif jirrizulta mid-dokument markat Dok A u illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, huwa baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 14 ta' Settembru 2005 u imghaxijiet mid-data ta' l-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn irrispinga t-talbiet attrici u dan peress li l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv u ma jirriflettix il-veru konsum tal-konvenut fil-perjodu in kwistjoni, anke ghaliex t-telefonata internazzjonali partikolari li skond is-socjeta attrici damet 10133 sekondi u li ghaliha s-socjeta attrici qieghda titlob l-ammont ta' mitejn u zewg Liri Maltin u sitta u sittin centezmi (Lm202.66) effettivament ma damitx aktar minn zewg minuti. Illi huwa ripetutivament ilmenta mas-socjeta attrici illi l-istess socjeta kellha hsara fis-sistema taghha kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Ghaldaqstant l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghandha tigi ridotta ghal dak l-ammont li jirrifletti l-konsum effettiv, minghajr imghax, bl-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri kif ukoll tan-nota risponsiva ipprezentata fis-6 ta' Ottubru 2005 ghall-ittra ufficcjali Nru 7581/05 ghandhom ikunu ghal-karigi tas-socjeta attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed tippretendi hlas minn ghand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm252.20), ammont allegatament dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku 21370604 u precizament ma' telefonata maghmula lejn ic-Cina;

Illi mill-provi jirrizulta illi d-durata tat-telefonata ghall-esteru illi tellghet dan il-kont tinzamm b'sistema digitali u l-Maltacom ikollha r-registrazzjoni tad-durata ta' l-istess telefonata b'mod digitali;

Illi l-Maltacom plc issostni wkoll (fol 20) illi peress illi l-konvenut ghandu sistema ta' PABX u l-linja de quo hija mqabbda ma' din is-sistema, allura "il-konvenut ma` jistghax, jew mhux qieghed f'posizzjoni, li jghid mill-liema linja effettivament saret din it-telefonata.Il-Maltacom plc pero` qeghda f'posizzjoni illi tghid illi dik it-telefonata saret mis-servizz li jsejjah lill-konvenut".

Illi hemm qbil pero` illi mill-istess handset, bis-sistema tal-PABX, tista` ssir biss telefonata <u>wahda</u> fl-istess hin, u wiehed irid jaqta` l-linja biex jerga` jaghmel telefonata ohra.

Illi l-konvenut, korroborat mix-xhieda tal-Professur Saviour Gauci u ta' Alex Fenech, jghid illi t-telefonata de quo ghac-Cina damet biss ftit minuti, minn tlieta sa hames minuti.

Illi pero` kif jirrizulta minn DOK NS1, skond il-Maltacom plc d-durata tat-telefonata kienet ta` l-fuq minn saghtejn ghall-prezz ta' mitejn u zewg Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm202.66) ;

Illi in kontro-ezami, l-istess konvenut jghid illi meta jaghmel uzu mis-sett tat-telefon fuq id-desk tieghu, huwa

jaghfas ‘0’ sabiex jottjeni wahda minn hames linji illi hemm fuq is-sistema PABX – “u mhux necessarjament illi tidhol l-istess linja”.

Illi mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal iqis illi l-kontestazzjoni ghas-somma mitluba fl-Avviz, da parti tal-konvenut, hija illi huwa ma damx l’fuq minn saghtejn fuq telefonata c-Cina, izda biss ftit minuti.

Illi l-Maltacom plc qed tistrieh fuq is-sistema digitali taghha, li mhux infallibbli, pero` jekk il-konvenut jallega illi ghandha zball b’referenza ghat-telefonata tal-21 ta’ Jannar 2004, sta ghalih illi jipprova tali zball.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi skond ir-records digitali (Dok NS1), it-telefonata tal-21 ta’ Jannar 2004 damet saghtejn u tmienja u erbghin minuta u tlieta u hamsin sekonda, (2:48:53) ghal total ta’ prezz ta’ mitejn u zewg Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm202.66).

Illi mill-istess dokument jirrizulta illi f’din l-istess gimgha saru tlett telefonati ohra ghall-esteru (tnejn minnhom fuq l-istess numru), li kollha kienu ghall-istess destinazzjoni u li kienu qosra.

Illi filwaqt illi l-konvenut ma jghidx illi f’dik l-istess gimgha cempel tlett darbiet ic-Cina – fatt biss illi johrog minn DOK NS1 - l-konvenut jghid illi cempel ic-Cina biex ikellem lill-Professur Gauci biex jawguralu – imma wkoll biex “naraw naghmlux xi arrangamenti” ghal skop ta’ negozju ta’ skola ta’ l-Ingliz.

It-Tribunal ftit jifhem kif ‘arrangamenti’ jistghu isiru fi ftit minuti u mill-apprezzament shih tal-provi, ma jistghax jikkonkludi illi huwa verosimili illi t-telefonata damet biss ftit minuti kif jallega l-konvenut !!

Illi kien biss meta xehed it-tieni darba illi l-konvenut qal illi “niftakar illi wara illi qtajt dawk it-tlett minuti telefonata li

ghamilt ghac-Cina, jiena ergajt uzajt l-istess linja tat-telefon biex naghmel telefonata ohra”

It-Tribunal isib illi anke dan mhux verosimili – fl-ewwel lok ghax ghaddew sentejn u nofs minn dak in-nhar tat-telefonata u ftit jista` wiehed illi juza t-telefon regolarment jiftakar x’telefonata jkun ghamel, u fit-tieni lok peres illi f’dik il-gimgha saru erba` telefonati lejn ic-Cina, u mhux wahda.

Illi fuq kollox, dejjem kif jirrizulta minn DOK NS 1, minn fuq il-linja telefonika de quo ma jirrizultax illi saret telefonata la lokali u lanqas barra minn Malta fi ftit minuti minn wara illi bdet it-telefonata lejn ic-Cina fit-8:35:22.

Illi anzi minn ezami ta’ Dok NS1 jirrizulta illi dak in-nhar, minn fuq il-linja 21370604 ma sarux aktar telefonati, la fuq fixed line lokali, la esteri u lanqas fuq mobile phones. Ghall-kuntrarju, ftit minuti wara t-telefonati l-ohra li saru lejn ic-Cina dik il-gimgha, jidher illi saru calls ohra minn fuq l-istess linja 21370604.

Illi ghaldaqstant tenut kont il-provi kollha prodotti, u wara evalwazzjoni tal-provi dokumentali u tax-xhiedha prodotti, it-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ipprova d-difiza tieghu. Mill-apprezzament tal-provi prodotti, ma jidhirx illi t-Tribunal ghandu fuq xiex jistrieh biex jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut u huwa wisq probabbli illi sentejn u nofs wara, il-konvenut beda` jithawwad dettalji ta’ gurnata f’dik l-istess gimgha (meta saru telefonati ohra lejn ic-Cina) ma’ dak li gara dak in-nhar illi saret it-telefonata mertu ta’ din il-kawza (21/01/2004).

It-Tribunal ihoss, illi mill-ezami tal-provi kollha prodotti u ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, l-verzjoni tal-konvenut ma tistghax titqies ppruvata.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, it-Tribunal, wara illi qies il-provi kollha prodotti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad r-risposta tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Maltacom plc s-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin Liri

Maltin u ghoxrin centezmu (Lm252.20), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------